MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
## MAGISTRAT DR.
## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2014

Numru. 177/2004

**Il-Pulizija**

**(Spettur Norbert Ciappara)**

**vs**

**Christopher Spiteri**

**Illum, 14 ta’ Marzu 2014**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Christopher Spiteri ta’ 24 sena, iben Saviour u Anna nee` Galea, imwieled Pieta` fl-24 ta’ Ottubru 1977, residenti 36, Marquees Scicluna Street, Naxxar, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 550077(M):

Akkuzat talli fl-20 ta’ Mejju 2001 u fil-granet ta’ qabel din id-data:

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta’ persuna jew persuni, minghajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta, u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern Tad-Drogi Perikoluzi (G.N.292/1939), jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta’ Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima

tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regola tal-1939, ghall-Kontroll Intern Tad-Drogi Perikoluzi (G.N.292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, zmien u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall- uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern Tad-Drogi Perikoluzi (GN.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu;

F'kaz ta' htija, il-Qorti giet mitluba sabiex barra li tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101);

Rat illi fis-seduta tas-17 ta' Gunju 2013, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti kif presjeduta milli terga' tisma' l-provi mismugha quddiem il-Qorti, kif diversament presjeduta, sa dakinhar;

Rat illi minkejja illi fis-seduta tal-11 ta' Lulju 2013, il-partijiet inghataw zmien sabiex jipprezentaw nota ta' sottomissjonijiet, din baqghet ma gietx prezentata.

**Ikkunsidrat:**

**Kunsiderazzjonijiet Dwar Htija**

Illi fis-seduta tas-6 ta' Dicembru 2005, xehed **l-Ispettur** (illum Assistent Kummissarju) **Norbert Ciappara**[1], li qal illi fl-20 ta' Mejju 2001, huwa kien gie infurmat li xi membri tal-armata kienu waqqfu karozza tal-marka Peugeot hamra, bin-numru ta' registrazzjoni IAD 897[2], misjuqa minn Andrew Bezzina. Minn tfittxija f'din il-vettura, instabet borza tal-plastik zghira li kienet tikkontjeni zewg boroz ohra zghar, kantunieri, li kienu suspettati li jikkontjenu droga eroina. Meta x-xhud kellem lil Bezzina, dan kien qallu illi huwa kien xi kultant jabbuza mid-droga eroina, izda ma kellux il-vizzju taghha. Bezzina qal illi d-droga li nstabet fil-vettura tieghu ma kinitx tieghu, izda ta' certu Christopher Spiteri u li dan Spiteri kien tahomlu sabiex izommhomlu. Bezzina kien qallu illi dak iz-zmien, Spiteri gieli kien joqghod mieghu, peress illi ma kellux fejn joqghod. Qal ukoll illi talli huwa kien qed izommlu din id-droga, Spiteri kien tah pakkett eroina b'xejn. Bezzina kien irrilaxxja stqarrija guramentata quddiem il-Magistrat Giovanni Grixti fil-21 ta' Mejju 2001. Ix-xhud qal ukoll illi huwa kien baghat ghal Christopher Spiteri, ossia l-imputat, fit-22 ta' Mejju 2001 u dan cahad illi huwa kien jabbuza mid-droga eroina jew illi d-droga kienet tieghu. Fis-seduta tas-7 ta' Lulju 2006, ix-xhud esebixxa *mobile phone* tal-marka Motorola, *container* tal-*plastic* li kien fih siringa li tidher uzata, u borza ohra tal-*plastic* kontenenti xi qratas u trab kannella suspettat eroina. Dawn l-oggetti kienu gew elevati mill-vettura IAB 897 minn taht is-*seat* tax-xufier fil-presenza ta' Andrew Bezzina.[3]

Fis-seduta tas-27 ta' Frar 2012, **is-Supretendent Norbert Ciappara** prezenta l-fedina penali tax-xhud Andrew Bezzina[4].

Fis-seduta tal-14 ta' Settembru 2009, xehed **86351 Gunner Agius**[5]. Huwa qal illi fl-20 ta' Mejju 2001, saret *road block* gewwa Labour Avenue, Naxxar u ghall-habta tal-9.50 p.m., waqqfu Peugeot hamra bin-numru ta' registrazzjoni AAD 897. Il-persuna li twaqqfet kien Andrew Bezzina, li kien qieghed wahdu fil-vettura. Fil-vettura nstabu siringa u affarijiet relatati mad-droga u dawn l-oggetti nstabu fid-*dashboard* tal-istess vettura. Fl-istess seduta xehed ukoll **85207 Gunner Michael Catania**[6], li kkonferma illi fid-data msemmija, waqt *road block* gewwa Labour Avenue, Naxxar, twaqqfet vettura Peugeot 205, bin-numru ta' registrazzjoni IAD 897 u li fiha nstabu siringa b'likwidu kannella u

[1] A fol. 12 sa 14 tal-process.
[2] Fis-seduta tas-6 ta' Dicembru 2005, **Christopher Darmanin**, in rapprezentanza tad-Direttorat tal-Licenzji u Testijiet, xehed illi l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IAB 897 kienet registrata fuq Rita Bezzina (ID 798859(M)) u dan mit-18 ta' Awwissu 1998 sa dakinhar (a fol. 22 u 23 tal-process).
[3] A fol. 26 u 27 tal-process.
[4] A fol. 79 sa 85A tal-process.
[5] A fol. 59 sa 62 tal-process.
[6] A fol. 63 u 64 tal-process.

pakkett kontenenti dik li kienet suspettata droga. Fil-vettura kien hemm Andrew Bezzina. L-affarijiet gew mghoddija lil WPS 45 Marisa Bartolo, tad-*drug squad.*

Fl-istqarrija rilaxxjata minnu fit-23 ta' Mejju 2001[7], wara li huwa nghata s-solita twissija li kellu d-dritt illi jibqa' sieket, **l-imputat** qal illi huwa ma jahdimx. Mistoqsi ma' min kien qieghed joqghod, huwa wiegeb '*ma hadd*' u qal illi l-gimgha ta' qabel, huwa raqad jumejn ma' Andrew Bezzina. Qal illi kien jaf lil Bezzina ghax kienu l-*iscouts* flimkien. Huwa qal illi l-Hadd ta' qabel, ghall-habta tat-8.00 p.m., mar il-Kazin tal-Futboll ma' Andrew. X'hin waslu hadu kafe`, lil Andew daqqlu l-*mobile* u telaq. Suppost Andrew kellu jmur ghalih fil-11.00 p.m., izda ma marx u hu raqad gewwa vann hdejn it-*Technopark.* Mistoqsi juzax droga, huwa qal illi kien juza '*ilu hafna'* u li bhalissa mhuwiex juza droga. Meta gie muri pakkett bi trab kannella suspettat eroina, huwa nnega li dan kien tieghu. Meta gie suggerit lilu illi Bezzina kien qal illi d-droga kienet tieghu, huwa nnega dan ukoll u meta gie ssuggerit lilu illi meta kien ghand Bezzina, huwa kien talbu xi karti biex jaghmel il-qratas, huwa qal illi dan mhux veru xejn. Huwa nnega illi kien ta doza eroina lil Bezzina sabiex izommlu l-eroina d-dar tieghu, innega li qatt biegh droga u mistoqsi jekk halliex xi siringi jew qratas vojta gewwa l-kamra tieghu, meta kien id-dar ta' Bezzina, huwa qal illi ma halla xejn. Qal illi nanntu taghtih xi hames liri kull tlett ijiem u li m'ghandux ghajnuna socjali. L-imputat ghazel li ma jiffirmax din l-istqarrija.

Fit-22 ta' Mejju 2001, **Andrew Bezzina** kkonferma l-istqarrija tieghu bil-gurament quddiem il-Magistrat Dr. Giovanni Grixti.[8] Fl-istqarrija tieghu, Bezzina qal illi huwa ma jahdimx, joqghod ma' ommu u ma jmurx skola. Qal illi d-droga li sabulu s-suldati fil-jum ta' qabel ma kinitx tieghu, izda l-labra kienet tieghu. Kien jaf li kienet droga eroina. Qal illi d-droga li sabu s-suldati fil-jum ta' qabel kienet ta' wiehed Christ, mhux cert jekk hux Spiteri. Qal illi peress illi dan m'ghandux fejn joqghod, fl-ahhar jumejn kien qed joqghod id-dar tieghu, ghand ommu. Mis-Sibt ghall-Hadd, Christ raqad id-dar tieghu, meta qamu raw it-*television* u ghall-habta tas-7.30 p.m., hargu u marru n-Naxxar. Christ mar il-Kazin tal-Futboll, u hu mar il-Kazin tan-Nazzjonalisti u wara xi siegha mar lura hdejn Christ. Wara xi ghaxar minuti, huma hargu barra u Christ tah l-eroina. Qallu biex l-eroina jehodha d-dar tieghu u li hu kien sejjer id-dar it-Tnejn. Huwa qal illi gieli juza eroina u mistoqsi kemm juza, huwa qal illi kien juza darba, mhux kuljum, imma meta jfettillu. Meta juza, jaghmel dan darba biss. Mistoqsi jekk il-qratas vojta uzati li kienu nstabu fil-kamra tieghu, meta l-pulizija ghamlu tfittxija, kinux tieghu, huwa qal li dawn ma kinux tieghu,

---

[7] L-istqarrija tinsab esebita a fol. 15 u 16 tal-process.
[8] A fol. 21 tal-process.

izda ta' Christopher u li meta Christopher kien mar joqghod id-dar tieghu, kien talbu xi karti ta' pitazz u qallu li kien ser jaghmel il-pakketti. Huwa fehmu li kien ser jaghmel il-pakketti tal-i*smack*. Huwa qal illi qatt ma biegh droga eroina. Meta gie ssuggerit lilu illi dakinhar huwa kien qal lill-Ufficjal Investigatur illi d-droga li sabu s-suldati kienet ghall-uzu tieghu u biex jissapportja l-vizzju tieghu, huwa wiegeb "*Le mhux veru*" u mistoqsi ghalfejn kien qal hekk, huwa qal "*ghax kienu ghadhom ma sabux l-affarijiet id-dar*". Mistoqsi ghalhekk kienx qed iwahhal fi Christopher ghaliex b'dak li nstab, il-Pulizija qed tikkonferma illi huwa jbiegh id-droga, huwa wiegeb illi huwa ma jbieghx droga. Mistoqsi jekk Christopher ibieghx droga, huwa qal illi kien ilu jaf li Christopher ibiegh l-eroina madwar gimgha u dan sar jafu ghax fil-jum ta' qabel, hu tah siringa mimlija talli hadlu l-eroina d-dar. Qal illi gieli kien xtara l-eroina minghandu – dan kien il-gimgha ta' qabel – u li b'kollox huwa kien xtara pakkett ta' Lm10 minghand Christopher. Mistoqsi ghalfejn ma riedx jixghel il-*mobile* tieghu, Bezzina wiegeb li ma kienx jaf il-*pin*. Mistoqsi min kien ghamel il-qratas li kien hemm mad-droga li sabu l-pulizija, huwa qal illi dawn kien ghamilhom Christopher u hu kien gezwirhom fi *stretch and seal* qabel ma mar minn Naxxar ghad-dar.

Quddiem il-Magistrat Dr. Giovanni Grixti, Bezzina kkonferma l-kontenut ta' din l-istqarrija bil-gurament, u rega' qal illi d-droga li sabulu s-suldati kienet ta' Christopher. Qal illi meta Christopher tkecca mid-dar ta' ommu, dan kien joqghod gewwa vann, bil-kaxxa kbira maghluqa, ta' lewn isfar u li fil-jum ta' qabel, huwa wrieh lill-Pulizija.

Fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2007, xehed **Andrew Bezzina**[9]. Huwa qal illi huwa kien gie investigat, ghaliex kien inqabad bl-eroina waqt *road block*. Qal illi kien hemm zmien meta l-imputat kien qed jghix ghandu, kien niezel min-Naxxar u nstabulu dawk l-affarijiet u cioe` "*l-eroina. Labra mimlija*". Qal li l-eroina kienet tal-imputat ghax kien qed jghix ghandu. Wara jumejn, il-Pulizija marru d-dar u sabulu ghaxar pakketti vojta li ma kienx jaf bihom. Minbarra l-imputat, kienu jghixu mieghu ommu u ohtu. Ix-xhud ikkonferma li fil-karozza tieghu, kienu nstabu xi pakketti li kien tahomlu l-imputat, biex hu u cioe` ix-xhud, jehodhomlu d-dar tieghu, ghaliex kien qed jghix ghandu. Mistoqsi jekk l-eroina li kellu fis-siringa kienx gabha minghand l-imputat, ix-xhud qal illi din kienet tieghu personali u li ma kienx xtraha minghand l-imputat. Bezzina qal ukoll illi lill-imputat huwa ma semmiehx, izda semmieh ghax sabulu l-pakketti vojta. Ix-xhud rega' kkonferma l-istqarrija li huwa kkonferma bil-gurament tieghu quddiem il-Magistrat Dr. Giovanni Grixti.

[9] A fol. 36 sa 44 tal-process.

Fis-seduta tas-17 ta' Gunju 2013, xehed l-istess **Andrew Bezzina** in kontro-ezami.[10] Huwa qal illi fiz-zmien tal-kaz in kwistjoni, huwa kien joqghod il-Hamrun, u hemmhekk kien jghix ma' ommu. Kien hemm persuna ohra tghix maghhom, li dak iz-zmien kien habib tieghu – wiehed Chris li kunjomu nesieh. Ix-xhud qal illi Chris kien gie mkecci minn ommu, hu kien henn ghalih u kien qed jorqod ghandu. Qal illi dam jghix ghandu xi gimgha, gimgha u nofs jew hmistax. Meta gie mwaqqaf fir-*road block* ma kien hemm hadd mieghu fil-vettura dak il-hin. Qal illi ma kienx jiftakar x'kien qal fl-istqarrija ghax ghaddew ghaxar snin u illi ghall-bidu Chris ma ssemmiex. Izda meta l-Pulizija marru jfittxulu d-dar, Chris bilfors kellu jissemma u li qabel bdiet it-tfittxija, omm ix-xhud kienet qaltilhom illi kienet qeghda tghix persuna ohra max-xhud. Bezzina qal illi l-imputat kien joqghod fil-kamra tieghu. Meta saret referenza ghax-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, fis-sens illi huwa kien qal illi l-pulizija kienu marru d-dar tieghu u sabulu ghaxar pakketti vojta li huwa ma kienx jaf bihom u mistoqsi fejn instabu dawn l-affarijiet, huwa qal illi nstabu fil-komodina tieghu, fil-kamra tas-sodda tieghu. Huwa qal illi Spiteri imbaghad ma baqax jghix mieghu ghaliex inqala' dan il-kaz. Fil-komodina nstabu karti imqattghin, bicciet, li ma kinux tieghu u illi d-droga instabet fil-vettura, fir-*road block.* Fir-rigward tad-droga, huwa kien qal li dawn ma kinux tieghu u li kien qed izommhom ghal Chris. Dawn instabu fid-*dashboard* taht l-*istereo.* Mistoqsi ghalfejn kien qed izommhom fil-karozza, huwa qal illi kien sejjer jiltaqa' mat-tfajla u ftiehem ma' Chris li kellu jerga' jmur ghalih in-Naxxar biex inizzlu mieghu l-Hamrun. Mistoqsi minn fejn kien gej meta waqqfuh il-pulizija, huwa qal illi kien niezel mill-pjazza tan-Naxxar u kien sejjer iz-Zejtun sabiex jiltaqa' mat-tfajla. Qal illi Chris kien qallu biex izommlu d-droga. Mistoqsi kienx normali ghalih li xi hadd jghidlu biex izommlu d-droga, huwa qal illi dak iz-zmien, huwa kien jabbuza mid-droga. Ix-xhud qal illi qabel huwa telaq min-Naxxar, huwa kien qieghed il-pjazza tan-Naxxar ma' Chris. Qal illi kienu ilhom li telghu n-Naxxar u kienu gew mill-Hamrun. Qghadu fil-pjazza, qabel mar ghat-tfajla. Ix-xhud qal ukoll illi l-imputat kien tah id-droga qabel ma telqu mid-dar u li fil-fatt sabulu labra mimlija. Fuq domandi tal-Qorti, ix-xhud rega' kkonferma illi huwa nghata d-droga, inkluz il-labra, mill-imputat waqt li kienu l-Hamrun, id-dar, qabel ma hargu. Meta rega' gie mistoqsi ghaliex Spiteri kien tah id-droga biex izommhielu, huwa rega' wiegeb li dan sehh ghaliex hu kien jabbuza mid-droga. Qal illi tah id-droga biex izommhielu u tah il-labra biex juzaha hu. Ikkonferma illi kellu jzomm id-droga ghal Spiteri u imbaghad jghaddihielu lura u qal illi dan sar ghaliex Spiteri kien qed jghix ghandu.

Mistoqsi jekk huwa kienx jaf lil certu Martin, il-Girni, Bezzina qal li kien jafu, mistoqsi qatt dahalx id-dar ghandu, huwa wiegeb fin-negattiv, li tul dik il-gimgha u nofs zgur illi ma dahalx fid-dar tal-Hamrun, izda gieli dahal id-dar

[10] A fol. 96 sa 113 tal-process.

ghandu meta kien joqghod in-Naxxar. Ma kienx jaf jekk dan Martin kellux problema ta' droga ghax ma kienx ikun mieghu.

Fis-seduta tal-5 ta' Dicembru 2006, xehed **Godwin Sammut**[11] li pprezenta r-relazzjoni tieghu[12], mil-liema relazzjoni jirrizulta illi fis-siringa nstabet is-sustanza morfina, u nstabet is-sustanza eroina fit-trab kannella. Il-piz tat-trab kien ta' 0.84 grammi u l-purita kienet ta' cirka 20%. Fl-istess relazzjoni, Sammut jindika illi tlett iqratas kellhom piz rispettiv ta' 0.10 grammi, 0.12 grammi u 0.12 grammi, filwaqt illi z-zewg boroz kellhom piz ta' 0.24 grammi u 0.26 grammi rispettivament.

Fis-seduta tas-17 ta' Gunju 2013, xehed **Brian Camilleri**[13], koordinatur fil-Komunita` Santa Marija li spjega illi huwa ilu f'kuntatt mal-imputat ghal dawn l-ahhar tlett snin. Huwa qal illi l-imputat kien ilu f'kuntatt mal-Agenzija Sedqa mis-sena 1995, fejn kien ghamel programmi. Huwa kien jaf lill-imputat meta kien ghadu fil-fazi residenzjali tal-programm. Spicca din il-fazi f'Novembru 2011[14] u mexa ghar-*re entry*, fejn ghamel sena ohra. F'dan iz-zmien, huwa sab xoghol u zamm dan ix-xoghol, u f'Novembru 2012, spicca l-programm u beda jghix wahdu. Gradwa mill-programm f'Awwissu 2012. Huwa baqa' f'kuntatt mal-Agenzija u dan b'mod volontarju, baqa' jattendi b'mod regolari ghall-gruppi u dan kien ghadu jaghmlu sa dakinhar u kien u baqa' jhalli *urine samples*. L-imputat jaghti wkoll *support* lura lill-komunita` billi jkun prezenti ghal dawk li jkunu ghadhom kif bdew il-programm. Il-*urine samples* li ttehdulu – ix-xhud kellu lista ta' 70 *sample* – dejjem taw rizultat negattiv. Ix-xhud qal illi l-imputat beda jahdem f'Marzu jew April 2012 u minn dakinhar baqa' jahdem regolarment.

Fis-seduta tas-17 ta' Gunju 2013, xehdet ukoll **Mary Rose Farrugia**[15], Ufficjal tal-*Probation*, li qalet illi ilha ssegwi lill-imputat mis-sena 2011 u li ghandha tibqa' ssegwih sa Frar 2014. Dejjem zamm l-appuntamenti maghha u fir-rigward tal-Ordni ta' *Community Service* li nghata (flimkien mal-Ordni tal-*Probation*), kienet irceviet kummenti pozittivi fil-konfront tieghu. Xehdet illi l-imputat ghamel kambjament kbir, li hija bdiet issegwih fil-habs, izda wara hafna snin fil-habs, wettaq programm b'success u li llum huwa impjegat u qed jghix hajja stabbli. Xehdet ukoll illi sarulu zewg testijiet tal-urina f'Marzu u f'Gunju 2013, rispettivament. Huwa baqa' jzomm kuntatt mal-Komunita` darba fil-gimgha u ddeskrivietu bhala klijent ideali.

---

[11] A fol. 29 u 30 tal-process.
[12] A fol. 31 tal-process.
[13] A fol. 88 sa 90 tal-process.
[14] Mir-rapport esebit mill-istess xhud (a fol. 91 u 92 tal-process), fil-fatt jirrizulta illi l-imputat dahal fil-programm residenzjali f'Ottubru 2009, lesta l-fazi residenzjali f'Ottubru 2010. F'Novembru 2011, huwa spicca l-fazi tar-*re-entry*. Huwa gradwa mill-programm f'Awwissu 2012.
[15] A fol. 114 u 115 tal-process.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi f'dan il-kaz, ix-xhieda ta' Andrew Bezzina hija l-unika prova li ngabet kontra l-imputat f'dawn il-proceduri. Id-droga mertu tal-kawza odjerna fil-fatt instabet fil-pussess tal-istess Bezzina u mhux fil-pussess tal-imputat, u l-unika prova li tipponta lejn l-imputat hija ghalhekk ix-xhieda ta' Bezzina li jghid illi d-droga li nstabet fil-pussess tieghu kienet inghatat lilu mill-imputat sabiex izommhielu, salv ghal siringa mimlija, li f'punt minnhom jghid illi nghatat lilu mill-imputat ghall-uzu tieghu u illi f'okkazzjoni ohra huwa kien xtara pakkett eroina bil-prezz ta' Lm10 minghand l-istess imputat. Fl-istqarrija rilaxxjata minnu, l-imputat jinnega li d-droga misjuba fil-pussess ta' Bezzina kienet tieghu, jinnega illi huwa tah doza eroina biex izzommlu d-droga ghandu jew li qatt biegh droga.

Illi kollox jiddependi fuq il-kwistjoni tal-kredibilita` li ghandha tinghata lix-xhud ewlieni tal-Prosekuzzjoni ossia Andrew Bezzina. Skond l-Artikolu 638(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, f'kull kaz, ix-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar. L-Artikolu 637 imbaghad jiddisponi illi f'kwistjonijiet li jolqtu l-kredibilita` ta' xhud, ghandu jittiehed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa, jekk hix konsistenti u ta' fattizzi ohra tax-xhieda tieghu, jekk dik ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Gie imbaghad ritenut illi mhux kull kunflitt fil-provi jwassal necessarjament ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata, imma l-gudikant irid jara lil min ser jemmen u f'hiex ser jemmnu u ma jemmnux, tenut kont tal-kriterji kontenuti fl-Artikolu 637 appena imsemmija (Qorti tal-Appell Kriminali, **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**, deciza fid-9 ta' Lulju 2003).

In oltre skond l-Artikolu 30 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta persuna tkun xtrat jew xort'ohra kisbet jew akkwistat medicina bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza, ix-xhieda ta' dik il-persuna fi procedimenti kontra l-persuna li minghandha tkun xtrat, kisbet jew akkwistat il-medicina, m'ghandhiex ghalfejn tkun korroborata b'cirkostanzi ohra. Imbaghad skond l-Artikolu 30A tal-Kap. 101, minkejja d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 661 tal-Kap. 9, meta xi persuna tkun involuta f'xi reat kontra dik l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni maghmula minn dik il-persuna u li tigi konfermata bil-gurament quddiem magistrat, tista tingieb bi prova kontra kull persuna ohra akkuzata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm il-darba jinstab li dik id-dikjarazzjoni tkun saret jew inghatat volontarjament u ma gietx imgieghla jew mehuda b'theddid jew biza', jew b'weghdiet jew twebbil ta' vantaggi.

Il-Qorti fliet bir-reqqa l-istqarrija guramentata u x-xhieda moghtija minn Andrew Bezzina f'dawn il-proceduri, kemm in ezami, kif ukoll in kontro-ezami u hasbet fit-tul fir-rigward taghhom. Fir-rigward tal-kontro-ezami li sar lil Bezzina, il-Qorti kif presjeduta kellha l-opportunita` li tisma' hi stess lil dan ix-xhud u tifli direttament l-komportament tieghu fuq il-pedana tax-xhieda u tista' tghid minghajr tlaqliq ta' xejn illi x-xhieda tieghu ma kinitx wahda konvincenti. Il-Qorti nnutat diversi inkonsistenzi fix-xhieda tal-istess Bezzina illi jwassluha sabiex tiddubita serjament il-kredibilita` ta' dan ix-xhud u dan kif ser jigi spjegat izjed l'isfel.

Fl-ewwel lok, Bezzina ammetta huwa stess illi fiz-zmien mertu tal-kaz in kwistjoni, huwa kien jabbuza mid-droga eroina. Ghalhekk m'huwiex inverosimili illi d-droga misjuba fil-vettura tieghu kienet fil-fatt tieghu u mhux tal-imputat kif jghid hu. Fit-tieni lok, li l-imputat jaghti d-droga eroina lil Bezzina sabiex, skond l-istess Bezzina, dan tal-ahhar izommha ghall-istess imputat u mbaghad jghaddihielu, huwa kemmxejn inverosimili ghaliex dan ifisser illi l-imputat li kien, skond Bezzina stess, jaf illi Bezzina kien jabbuza mid-droga eroina, kien qed jafda d-droga tieghu ma' xi hadd li kien jabbuza mid-droga huwa stess, bil-possibilita` ghalhekk li din id-droga tigi kkunsmata minn dan tal-ahhar. In oltre, jirrizulta kemm mill-istqarrija guramentata ta' Bezzina, kif ukoll mix-xhieda moghtija minnu in ezami, illi ghall-ewwel, meta nqabad bid-droga fil-vettura tieghu, huwa ma semmiex lill-imputat, izda qal illi d-droga kienet ghall-uzu tieghu. Fl-istqarrija tieghu, imbaghad, liema stqarrija giet ikkonfermata minnu bil-gurament quddiem il-Magistrat Dr. Giovanni Grixti, Bezzina innega illi d-droga kienet ghall-uzu tieghu u mistoqsi ghalfejn kien qal hekk precedentement, ossia illi d-droga kienet tieghu, huwa wiegeb "*ghax kienu ghadhom ma sabux l-affarijiet id-dar*"[16]. Imbaghad, mistoqsi jekk allura kienx qed iwahhal fl-imputat ghaliex b'dak li nstab fid-dar – u l-Qorti tista' tifhem li dak li nstab fid-dar tax-xhud, anke mix-xhieda tieghu stess, kienu fil-fatt bicciet tal-karti mqattghin ossia qratas – seta' jigi kkonfermat illi huwa kien qed ibiegh id-droga, huwa wiegeb li ma jbieghx droga. Minn hemmhekk imbaghad ix-xhud jghid, fl-istqarrija tieghu, illi kien ilu jaf li l-imputat ibiegh id-droga eroina madwar gimgha u dan ghaliex fil-jum ta' qabel tah siringa mimlija ghaliex hadlu l-eroina d-dar. Fil-gimgha ta' qabel, huwa xtara pakkett tal-eroina bil-prezz ta' Lm10.

Illi l-fatt illi ghall-ewwel Bezzina qal illi d-droga misjuba fil-vettura kienet tieghu, imbaghad kien biss sussegwentement meta nstabu l-qratas vojta fil-kamra tieghu, u allura fehem l-implikazzjonijiet li dan seta' kellu, illi qal illi d-droga kienet giet moghtija lilu mill-imputat, ikompli jitfa' dubju fuq il-veracita`

[16] A fol. 11 tal-process.

tal-verzjoni moghtija minn Bezzina. Mhux biss, izda fl-istqarrija tieghu, Bezzina jghid b'referenza ghall-qratas vojta uzati li nstabu fil-kamra tieghu, illi meta l-imputat mar joqghod ghandu, dan kien talbu xi karti ta' pitazz u qallu li kien ha jaghmel il-pakketti. Huwa ghalhekk fehem illi l-imputat kien ser jaghmel il-pakketti tal-eroina. Mill-banda l-ohra, imbaghad, fix-xhieda tieghu in ezami, ix-xhud jghid illi d-dar kienu nstabulu ghaxar pakketti vojta li ma kienx jaf bihom. Mela allura x-xhud l-ewwel jghid illi l-imputat kien talbu karti ta' pitazz u qallu li ha jaghmel il-pakketti, imbaghad, meta nstabu l-pakketti vojta fil-kamra tieghu, jghid illi dawn ma kienx jaf bihom.

Fl-istqarrija tieghu *a tempo vergine* Bezzina qal ukoll illi l-imputat tah siringa mimlija talli hadlu l-eroina d-dar. In ezami, ix-xhud rega' qal illi l-imputat kien tah id-droga biex jehodhielu d-dar, izda mistoqsi dwar l-eroina fis-siringa li nstabitlu u jekk din kienx gabha minghand l-imputat, imbaghad jghid illi dik kienet tieghu personali u meta rega' gie mistoqsi jekk kienx xtraha minghand l-imputat, jerga' jghid li dik kienet tieghu personali. F'dan l-istadju ghalhekk ix-xhud donnu nesa illi kien qal illi s-siringa giet moghtija lilu mill-imputat talli kien ser jehodlu l-eroina d-dar. Dan apparti illi mir-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut, jirrizulta illi fis-siringa ma nstabitx eroina, izda morfina.

Il-Qorti nnutat illi *a tempo vergine*, ix-xhud qal illi fil-jum li nqabad bid-droga fil-vettura tieghu, ghall-habta tas-7.30 p.m., huwa hareg flimkien mal-imputat u marru n-Naxxar. L-imputat mar il-Kazin tal-Futboll, fil-waqt illi hu mar il-Kazin tan-Nazzjonalisti. Wara xi siegha, jigifieri allura ghall-habta tat-8.30 p.m. jew id-9.00 p.m., mar lura hdejn l-imputat u wara xi ghaxar minuti, hargu barra u l-imputat ghaddielu l-eroina u qallu biex jehodha d-dar tieghu. L-imputat qallu li huwa kien ser imur id-dar tax-xhud, it-Tnejn, jigifieri l-ghada. Jirrizulta imbaghad mix-xhieda ta' Gunner Agius illi x-xhud twaqqaf fir-*road block* ghall-habta tal-9.50 p.m. L-imputat, fl-istqarrija tieghu, jghid illi l-Hadd, ghall-habta tat-8.00 p.m. mar gewwa l-Kazin tal-Futboll ma' Andrew Bezzina. X'hin waslu hadu kafe`, lil Bezzina daqqlu l-*mobile* u telaq. Ftehmu illi Bezzina kellu jghaddi ghalih fil-11.00 p.m., izda dan baqa' ma tfaccax. In kontro-ezami, Bezzina jghid illi huwa kien qieghed il-pjazza tan-Naxxar mal-imputat u li twaqqaf fir-*road block* meta kien fi triqtu lejn iz-Zejtun sabiex jiltaqa' mat-tfajla. Qal ukoll illi huwa kien qal lill-imputat li kien ser jerga' jghaddi ghalih in-Naxxar, biex inizzlu mieghu l-Hamrun u li l-imputat kien tah id-droga, biex izommhielu, flimkien mas-siringa, meta kienu ghadhom id-dar, il-Hamrun, qabel telqu lejn in-Naxxar. Wiehed ghalhekk ma jistax ma jinnutax diversi diskrepanzi bejn ix-xhieda moghtija minn Bezzina *a tempo vergine* u x-xhieda moghtija minnu in kontro-ezami. Issa veru li ghaddew numru ta' snin – fil-fatt ghaddew tnax-il sena – bejn xhieda u ohra, imma in kontro-ezami, ix-xhud insista u rrepeta kemm il-darba numri ta' dettalji li ma jikkombacaw bl-ebda mod ma dak li qal originarjament fl-istqarrija guramentata, anzi semmai

jikkonfermaw in parte dak li qal l-imputat meta rrilaxxja l-istqarrija tieghu. Fil-waqt illi fl-istqarrija guramentata, Bezzina jghid illi l-imputat ghaddhielu d-droga fil-pjazza tan-Naxxar, in kontro-ezami, insista u rrepeta kemm il-darba illi l-imputat tah id-droga, inkluz is-siringa, waqt li kienu qeghdin id-dar, il-Hamrun, qabel ma hargu. Mela allura wiehed jistaqsi, x'sens kien jaghmel li l-imputat jghaddi d-droga lil Bezzina gewwa d-dar stess, u dan sempliciment biex Bezzina jerga' jiehu din id-droga lura lejn id-dar tieghu dik il-lejla stess? Originarjament, Bezzina qal illi l-imputat kien qallu li kien sejjer id-dar tieghu, it-Tnejn u kien ghalhekk li talbu jzommlu d-droga. Biss in kontro-ezami, ix-xhud qal illi huwa kellu jerga' jghaddi ghall-imputat dik il-lejla stess biex inizzlu mieghu l-Hamrun. U ghalhekk anke jekk ghall-grazzja tal-argument, l-imputat tah id-droga waqt li kienu qeghdin in-Naxxar, x'sens kien jaghmel dan kollu, la darba x-xhud kien ser jerga' jghaddi ghall-imputat, dik il-lejla stess? Anzi dan jikkonferma dak li qal l-imputat fl-istqarrija tieghu u cioe` li kien ftiehem ma' Bezzina li jghaddi ghalih xi l-11.00 p.m., izda naturalment imbaghad Bezzina ma tfaccax, ghaliex twaqqaf fir-*road block* u nstabitlu d-droga.

L-istess Bezzina, apparti li jimplika lill-imputat fir-rigward tad-droga u tas-siringa misjuba fil-pussess tieghu fl-20 ta' Mejju 2001, jghid ukoll illi gimgha qabel, l-istess imputat, kien bieghlu pakkett eroina. F'dan ir-rigward, il-Qorti tikkunsidra illi in vista tad-diskrepanzi fix-xhieda ta' Bezzina u stante illi l-verzjoni moghtija minnu fir-rigward tad-droga misjuba fil-vettura tieghu, ma hijiex wahda kredibbli u verosimili, tenut kont ukoll tal-komportament tal-istess xhud fuq il-pedana tax-xhieda, quddiem din il-Qorti kif presjeduta, kif ukoll tal-fatt illi l-istess Bezzina kien dak iz-zmien, fuq ammissjoni tieghu stess, jabbuza mid-droga eroina, fatt dan li jkompli jxellef il-kredibilita` ta' dan ix-xhud in vista tac-cirkostanzi li fiha nstabet id-droga, u illi fil-fehma tal-Qorti, in-nuqqas ta' kredibilita` tieghu fil-verzjoni moghtija minnu fir-rigward tad-droga fil-pussess tieghu tincidi fuq il-kredibilita` tieghu fir-rigward tax-xhieda kollha moghtija minnu u anke ghalhekk ta' dik il-parti tal-istqarrija guramentata fejn qal illi huwa xtara pakkett eroina minghand l-imputat fil-gimgha ta' qabel, il-Qorti ma tistax tasal ghall-konvinciment morali, a bazi tax-xhieda moghtija minn Bezzina biss u fin-nuqqas ta' kwalsiasi prova ohra f'dan is-sens, illi l-imputat forna jew ipprokura d-droga eroina fid-data mertu tal-imputazzjonijiet odjerni.

Ghaldaqstant, fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, il-Qorti tqis illi l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova sodisfacentement u sal-grad rikjest mil-ligi illi l-imputat forna jew ipprokura d-droga eroina fl-20 ta' Mejju 2001 u fil-granet ta' qabel din id-data.

Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, imbaghad, ma tantx hemm x'jinghad ghaliex din tirreferi ghall-pussess aggravat tad-droga kokaina. Ghalkemm jidher illi r-referenza ghad-droga kokaina f'din l-imputazzjoni saret bi zvista u illi l-imputazzjoni kellha fil-fatt tirreferi ghall-pussess aggravat tad-droga eroina, mill-atti ma jirrizultax illi l-Prosekuzzjoni talbet korrezzjoni fir-rigward ta' din l-imputazzjoni u ghalhekk din il-Qorti tista' tiddeciedi biss dwar l-imputazzjoni kif dedotta. Stante illi ma ngabet l-ebda prova f'dan ir-rigward u m'hemm assolutament xejn x'jindika illi l-imputat kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina u wisq inqas ghalhekk illi kellu l-pussess taghha f'tali cirkostanzi li jindikaw li din id-droga ma kinitx intiza biss ghalih, il-Qorti lanqas ma tista' ssib htija fl-imputat fir-rigward tat-tieni imputazzjoni.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939, qed issib lill-imputat **mhux hati** tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u qeghda tilliberah minnhom.

Fic-cirkostanzi ghalhekk il-Qorti **m'hijiex** tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti qeghda tordna d-distruzzjoni tad-droga u/jew l-affarijiet relatati mal-abbuz tad-droga, Dokument NC3, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *process-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------